MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 2202/2002

**Melita Power Diesel Limited**

**vs**

**George Smith**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas ta' elfejn, mija, wiehed u disghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2191.24) gja` Lm940.70 rapprezentanti ammonti dovuti in konnessjoni ma` xogholijiet ta' riparazzjoni ta' magna fuq lanca bl-isem '*M/Y happy days'* fuq inkarigu tal-konvenut, liema somma hija dovuta skond fattura li kopja taghha hija annessa, datata 12 ta' Marzu, 2002.

Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja tat-30 ta' Lulju, 2002 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment u bl-imghax mid-data ta' hrug tal-fattura sad-data tal-hlas effettiv, ilkoll kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecceppixxa illi ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' attrici stante li ma esegwitx l-inkarigu lilha moghti skond l-arti u s-sengha. Tant hu hekk illi kellhom jigu inkarigati persuni ohra sabiex jaghmlu dak li suppost ghamlet is-socjeta' attrici. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra u/jew sema` x-xhieda kif ukoll ra r-rapporti mahlufin mil-Periti nominati.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

IKKUNSIDRA

Mill-atti jirrizulta illi gew ezegwiti xi xogholijiet ta' riparazzjoni ta' magna fuq lanca bl-isem ta' Happy Days u ghall-liema xogholijiet is-socjeta' attrici ma gietx mhallsa. Il-konvenut ecceppixxa illi x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti u li kellhom jigu inkarigati persuni ohra sabiex jaghmlu dak li suppost ghamlet is-socjeta' attrici.

Mill-provi jirrizulta illi x-xogholijiet ta' riparazzjoni kienu saru f'Marzu tal-2002 u li s-socjeta' attrici kienet harget fattura ghal dawn ix-xogholijiet. Mix-xhieda tas-socjeta' attrici jirrizulta illi kienu saru xi xogholijiet fuq il-*'fuel injection pump'* mis-socjeta' attrici wara li kien diga` sar l-istess xoghol minn terzi fuq l-istess '*fuel injection pump'* xi zmien qabel. Il-konvenut hada ghand is-socjeta' attrici peress li l-problema tal-'*fuel injection pump'* ma kienetx ghadha rizolta. Irrizulta illi l-magna tal-lanca kienet qieghda ddahhan eccessivament. Il-marka ta' pompi in kwistjoni kienu tad-ditta 'Bosch'. Is-socjeta' attrici hadet dawn il-pompi ghand persuna rikonoxxuta bhala wahda kapaci tahdem fuq ingenji tal-marka Bosch sabiex isiru x-xogholijiet necessarji.

Ix-xhieda tal-partijiet irrizultaw konfliggenti. Fil-waqt illi s-socjeta' attrici qalet illi l-konvenut kien kuntent bix-xogholijet, il-konvenut cahad illi kien sodisfatt bix-xogholijiet li saru fuq il-pompi tal-lanca. Il-konvenut sostna illi huwa ilmenta meta ghamlu '*sea trial'* li ghamlu bil-lanca wara li kienu saru x-xogholijiet u raw illi l-lanca baqghet iddahhan. Jirrizulta illi saru xi xogholijiet fuq il-magna tal-lanca waqt '*is-sea trial'* u l-konvenut skond is-socjeta' attrici safa' kuntent izda mhux skond il-verzjoni tal-konvenut.

Mill-provi jirrizulta illi s-socjeta' attrici baghtet l-ewwel fattura f'Marzu tal-2002 izda l-konvenut kien iddokumenta l-ilment tieghu bil-miktub biss wara li rcieva ittra bl-avukat mis-socjeta' attrici u cioe' tlett xhur u nofs wara li kienu saru x-xogholijiet ta' riparazzjoni. Ghalkemm l-konvenut sostna lli baqa' jilmenta tul iz-zmien verbalment. Kien wara dik l-ittra illi l-konvneut kien issuggerixxa illi jqabbdu '*surveyors*' independenti miz-zewg nahat sabiex jaghtu l-opinjoni taghhom. Fl-ittra tas-sajf tal-2002 il-konvenut kien accenna lli wara li s-*surveyors* jaghmlu r-rapporti necessarji huwa kien bi hsiebu jiehu l-magni fir-Renju Unit. Jidher illi s-socjeta' attrici ma accettatx il-proposta li jitqabbdu '*surveyors*' independenti u minflok intavolat il-kawza odjerna.

Fir-rapport ta' Amato is-'*surveyor'* mqabbad fis-sajf tal-2002 mill-konvenut intqal illi huwa baqa' jara d-duhhan. Amato kienet il-persuna inkarigata mill-konvenut sabiex jaghmel dak li suppost ghamlet is-socjeta' attrici. Irrizulta, t-Tribunal jirrilleva, illi Amato ma kienetx il-persuna li solva l-problema tal-magni tal-konvenut. Huwa kien mqabbad bhala '*surveyor'* sabiex jevalwa is-sitwazzjoni u jaghti l-pariri necessarji. In fatti huwa ghamel rapport preliminari f'Settembru tal-2002 u hames xhur wara kien ghamel rapport iehor wara li l-magni kienu gew lura minn barra minn Malta.

Jirrizulta mill-atti illi fil-waqt illi l-konvenut kien talab li jigi nominat espert tekniku sabiex jikkonkludi jekk ix-xoghol li sar mis-socjeta' attrici kienx sar skond is-sengha u l-arti, il-konvenut qabad u ha l-magni l-Iskozja f'Dicembru ta` l-

2002 ghand id-ditta '*Michael Harvey & Co.'* Din id-ditta hija '*Bosch servicing station'.* Din id-ditta ma kienetx maqbuda bhala '*surveyor'* izda sabiex tittestja u tikkalibra l-'*fuel injection pumps'* in kwistjoni. Mir-rapport tad-ditta Skocciza, prodott mill-konvenut intqal illi l-pompi kienu ssettjati 'l fuq mis-'*setting tolerances'* u ghalhekk kienu qieghdin jikkawzaw id-dhahen suwed. Skond Amato, is-'*surveyor'* Malti mqabbad minn wara li dawn il-pompi gew ritornati Malta l-magna ma baqghetx iddahhan duhhan iswed.

It-Tribunal jirrilleva illi l-konvenut ghazel li jiehu l-pompi barra minn Malta, wara li kien hemm talba sabiex jigi nominat perit tekniku mill-avukat tieghu fis-27 ta' Novembru, 2002. It-Tribunal jirrilleva illi sas-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002 il-konvenut kien gie lura mir-Renju Unit izda ma nfurmax lit-Tribunal b'dak li kien ghamel. It-Tribunal huwa tal-fehma lli meta gie lura Malta bil-magni, kellu almenu jew jinforma lis-socjeta' attrici jew almenu jistieden is-socjeta` attrici sabiex tkun partecipi meta l-pompi kienu ser jergghu jitwahhlu fuq il-lanca u jigu ttestjati.

Illi t-Tribunal jirrilleva illi fis-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002 it-Tribunal diversament presjedut innomina lil Inginier Paul Cardona sabiex jiehu konjizzjoni taz-zewg rapporti teknici prodotti 'ex parte' sabiex jiehu konjzzjoni tax-xhieda li nghatat f'dan it-Tribunal u jigbor il-provi kollha sabiex jikkonkludi jekk ix-xoghol li sar mis-socjeta' attrici fuq id-dghajsa proprjeta' tal-konvenut sarx skond is-sengha u l-arti.

Mill-atti tal-kawza l-Perit tekniku kien halef ir-rapport tieghu f'Lulju tal-2005, sentejn u nofs wara l-hatra tieghu. Illi l-Perit kien ha sitt seduti u jirrizulta mill-atti illi kien lesta mill-provi f'Lulju tal-2003. It-Tribunal jirrimarka illi l-Perit Cardona dam sentejn ohra sabiex jinkonkludi r-rapport tieghu, tul ta' zmien eccessiv li m'huwiex skuzabbli u li tawwal il-kawza ghal sentejn inutilment.

Skond ir-rapport imhejji mill-Perit hawn fuq imsemmi huwa kkonkluda illi ma setax jikkumenta jekk il-pompi kienux

ntmissu mill-konvenut bejn Marzu ta` l-2002 u Dicembru, 2002 sakemm il-konvenut kien hadhom barra minn Malta izda fuq bilanc ta' probabilitajiet ghalkemm il-konvenut kien garr il-magni b'idejh lejn l-Iskozja, l-ahhar nies li kienu missew il-pompi kienu n-nies mqabbda mis-socjeta' attrici. Fil-fehma tat-Tribunal ir-rapport tal-perit tekniku kien wiehed inkonklussiv.

Permezz ta' nota pprezentata fil-15 ta' Ottubru, 2005 is-socjeta' attrici talbet lit-Tribunal diversament presjedut jghaddi ghal hatra ta' periti addizzjonali minhabba illi hija ma qablitx ma hafna dikjarazzjonijiet kontenuti fl-istess rapport u li r-rapport kien inkonklussiv.

It-Tribunal kif diversament presjedut laqa' t-talba ghal periti perizjuri fis-7 ta' Novembru, 2005. Illi l-partijiet kienu sabu diffikulta' sabiex iqabbdu tlett periti addizjonali. It-Tribunal kellu jistenna sena u nofs ohra sakemm jinhatru t-tlett periti perizjuri. Tul ta' zmien iehor eccessiv f'din il-kawza illi kompla jtawwal il-konkluzjoni taghha.

Illi l-Periti perizjuri u cioe' Carmel Grech, Daniel Grech u Michael Cassar lestew ir-rapport taghhom fid-9 ta' Ottubru, 2007 izda kien hemm bzonn ta' xi kjarifiki ulterjuri mitluba mill-konvenut u li sussegwentement gew iccarati. It-Tribunal jirrilleva illi huma kellhom l-istess inkarigu li kellu l-perit ta' qabilhom u ghalhekk kellhom jikkonkludu jekk ix-xoghol li sar mis-socjeta' attrici fuq id-dghajsa proprjeta' tal-konvenut sarx skond is-sengha u l-arti.

Fir-rapport tal-Periti perizjuri huma kkonkludew illi huma ma kellhomx l-opportunita' illi jevalwaw ix-xoghol fuq il-magni tal-lanca partikolarment il-'*fuel injection pumps'* taz-zewg magni tal-lanca peress illi dawn kienu diga' ttiehdu ghand id-ditta *'Michael Harvey & Co'* barra minn Malta. Meta huma ghamlu access fuq il-post sabu li l-magni kienu qieghdin jahdmu minghajr duhhan eccessiv. It-Tribunal huwa tal-fehma illi meta il-konvenut ha d-decizjoni li jiehu l-magni barra minn Malta sahansitra wara ftit granet illi kien hemm talba minn naha tad-difensuri tieghu sabiex jigi nominat perit tekniku ghal dan il-kaz, huwa kien tellef kemm lill-ewwel perit tekniku, kif

ukoll il-Periti teknici appuntanti sussegwentement milli jaghmlu evalwazzjoni teknika u konklussiva, peress illi l-periti ma kellhomx il-possibilita` rejali li jezaminaw u jevalwaw id-duhhan kienx fil-limiti tal-magna tal-lanca.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi ghandu jistrieh fuq ir-rapport imhejji mill-Periti Perizzjuri u huwa tal-fehma illi meta l-konvenut ha l-magni barra minn Malta, l-Periti teknici nominati bi qbil mall-partijiet ma setghux jaqdu dmirijiethom skond l-inkarigu moghti lilhom mit-Tribunal diversament presjedut, peress illi l-magni in kwistjoni inhargu barra minn xtutna fejn il-problemi tal-magni gew allegatament rizolti. Ghandu jinghad illi l-inkarigu tal-Perit Tekniku kien diga` moghti mit-Tribunal qabel ma` l-konvenut iddecieda li jiehu l-magni barra minn Malta, bir-rizultat illi kwalunkwe’ evalwazzjoni jew studju seta’ biss jinghata fuq x-xhieda migbura u mhux b’access fuq il-post u ghalhekk ebda perit mqabbad mit-Tribunal qatt ma seta’ jikkonkludi jekk id-duhhan mill-‘*fuel injection pumps’* kienx accettabbli jew le.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut ma aggixiex korrettament meta ha l-magni barra minn Malta wara li kienet saret talba ghan-nomina ta’ perit tekniku, partikolarment meta tali talba saret fuq talba tieghu stess.

Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss illi fic-cirkostanzi, l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jimmeritawx akkoljiment.

Ghar-ragunijjiet fuq moghtija t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas fis-somma ta’ elfejn, mija, wiehed u disghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,191.24) gja` Lm940.70 bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv.

Spejjez tlett kwarti ghall-konvenut u kwart ghas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------